MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 85

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Darren Carabott - Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

85.1 Mozzjoni: Trasport Addizzjonali

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

85.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsillier is-Sur Darren Carabott ressaq Mozzjoni li kienet issekondata Mis-Sa Elizabeth Vella u mis-Sur Horace Anastasi. Għaldaqstant, fl-assenza tas-Sur Darren Carabott, is-Sindku stieden lis-Sur Horace Anastasi sabiex jipproponi l-Mozzjoni.

Il-Mozzjoni kienet tipproponi sabiex il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jipprovdi trasport lit-tfal li jattendu n-nursery tal-football kif ukoll lill-Vendrizi sabiex jattendu għall-aħħar logħba meta Santa Venera Lightnings jieħdu l-promozzjoni għat-tieni diviżjoni fil-kampjonat tal-football Malti. Dan sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-appoġġ u s-sosten għal din il-kisba li ma tiġix ta' kull sena.

Is-sindku informa lill-membri li l-aħħar logħba ser tintlagħab nhar il-Ħadd 15 ta' April, 2018 kontra ż-Zurrieq u li għandna nkunu nafu n-numru uffiċjali ta' persuni li ser jużaw dan is-servizz sal-Ħamis 12 ta' April, 2018, sabiex jiġi bbukkjat it-trasport.

Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Fis-6.25 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Jane Yvonne Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |